# Qorti Kriminali

## Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)

**Att ta' Akkuza Nru: 7/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Pierre Cremona**

Illum 16 ta' Mejju, 2016.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuża numru 7 tas-sena 2011 fil-konfront ta' Pierre Cremona [detentur tal-karta tal-identita' 286273(M)] li biħ huwa akkużat talli :

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Lulju tas- sena elfejn u disgha (2009) u fil- jiem ta` qabel l-akkuzat **PIERRE CREMONA** iddecieda xjentement u illegalment li jibda jixtri, jittraffika u jbiegh id-droga herojina f`Malta u dan bi ftehim ma` haddiehor**.**

L-akkuzat **PIERRE CREMONA** ftiehem u ippjana ma` Nigerjan bl-isem ta` Isaac sabiex jixtri minghandu ammont ta` droga herojina bl-intenzjoni li din tigi mibjugha u ittraffikata f`Malta lil terzi. In esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub minn qabel, l-akkuzat iltaqa ma` dan Isaac gewwa Pembroke u hemm hekk **PIERRE CREMONA**

xtara minghand Isaac ammont ta` kapsoli mimlija bid-droga herojina ghal prezz ta` madwar tminn t`elef ewro (8,000). L-akkuzat kien se jbiegh din id-droga herojina lil terzi u jaqla tlett elef ewro (3,000) minn fuqha u dan a skapitu tas-socjeta` Maltija.

Fit-22 ta` Lulju 2009 l-Pulizija mill-Iskwadra ta` kontra d-Droga, wara li rceviet informazzjoni kunfidenzjali, kienu qed jaghmlu xi osservazzjonijiet fl-inhawi ta` San Pawl il-Bahar rigward attivita` konnessa mat- traffikar tad-droga. Fil-fatt il-pulizija segwew u waqfu vettura bin-numru ta` registrazzjoni ABR 427 li kien qed isuq propju l-akkuzat **PIERRE CREMONA.** Saret tfittxija f`din il-vettura u l-Pulizija sabu basket tal-plastik li go fih kien hemm numru ta` kapsoli mimlija bid-droga herojina li l-akkuzat kien xtara minghand Isaac. B`kollox il-Pulizija sabu sitta u hamsin (56) kapsola mimlija b`total ta` hames mija u tnejn u ghoxrin gramma (522) droga herojina b`purita` ta` 28%. Il-prezz fis-suq ghal dan l-ammont ta` droga huwa bejn hmistax –il elf sitt mija u hamsa u sittin ewro (€15,665) u hamsa u sittin elf mitejn tlieta u sebghin ewro (€65, 273).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b-ghemilu, l-imsemmi **PIERRE CREMONA** sar hati talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi jakkuza lill-imsemmi **PIERRE CREMONA** talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina perikoluza (herojina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fit- tnejn u ghoxrin (22) jum ta` Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), l-Pulizija mill-Iskwadra ta` kontra d-Droga, wara li rceviet informazzjoni kunfidenzjali, kienu qed jaghmlu xi osservazzjonijiet fl-inhawi ta` San Pawl il-Bahar rigward attivita` konnessa mat-traffikar tad-droga. Fil-fatt il-pulizija segwew u waqfu vettura bin-numru ta` registrazzjoni ABR 427 li kien qed isuq propju l-akkuzat **PIERRE CREMONA.** Saret tfittxija f`din il-vettura u l-Pulizija sabu basket tal-plastik li go fih kien hemm numru ta` kapsoli mimlija bid-droga herojina li l-akkuzat kien xtara minghand Isaac. B`kollox il-Pulizija sabu sitta u hamsin (56) kapsola mimlija b`total ta` hames mija u tnejn u ghoxrin gramma (522) droga herojina b`purita` ta` 28%. Il-prezz fis-suq ghal dan l-ammont ta` droga huwa bejn hmistax il–elf sitt mija u hamsa u sittin ewro (€15,665) u hamsa u sittin elf mitejn tlieta u sebghin ewro (€65, 273**).** L-akkuzat ammetta mal-Pulizija li din id-droga kienet tieghu. **L-akkuzat kien ghalhekk fil-pussess xjenti u illegali ta` sitta u hamsin kapsola mimlija bid-droga herojina waqt li kien qieghed Malta f`tali cirkostanzi li juru li dan l-ammont ta` droga ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu.**

**PIERRE CREMONA** ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil–pussess tieghu jew li jimporta dawn il–medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi **PIERRE CREMONA** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **PIERRE CREMONA** talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Ewro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi fit-tnejn u ghoxrin (22) jum mix-xahar ta` Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) u fil- jiem ta` qabel l-akkuzat kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga **kokajina** kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga herojina kif deskritt fl-ewwel zewg Kapi t`akkuza. **Illi dak il-pussess tad–droga kokajina kien mezz u stadju wiehed sabiex PIERRE CREMONA ikun jista jabbuza mill-istess droga kokajina**.

Illi d-droga kokajina hija medicina perikoluza specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **PIERRE CREMONA** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu

dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **PIERRE CREMONA** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fir-Raba' Kap illi f`Awwissu tas-sena elfejn u wiehed u matul is-sena ta`qabel din id-data l-akkuzat **PIERRE CREMONA** iddecieda li jibda jittraffika, jbiegh, jipprokura u jforni d-droga herojina xjentement u illegalment lil persuni f`Malta. Illi infatti **PIERRE CREMONA** biegh, forna u ittraffika d-droga herojina lil certu Kreaton Cutajar sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu, aparti l-qliegh tal-flus. **PIERRE CREMONA** kien jiltaqa ma` l-imsemmi Kreaton Cutajar u kien ibieghlu ghaxar (10) grammi herojina fil-gimgha ghal prezz ta` mitejn

u hamsin lira Maltin (LM 250), konvertiti f`circa 580 ewro. L-akkuzat biegh id-droga herojina regolarment lil dan Kreaton Cutajar ghal perjodu ta` madwar sena.

Id-droga herojina hija imsemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi l–akkuzat **PIERRE CREMONA** instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin fosthom fil-hdax (11) ta` Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) fl-ismijiet "Il- Pulizija vs. Pierre Cremona " liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **PIERRE CREMONA** sar recidiv u hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **PIERRE CREMONA** recidiv u hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-

President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 18, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Pierre Cremona, preżentat fis-6 ta' Mejju, 2016, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Pierre Cremona għall-akkużi miġjuba kontrih fl-erbgħa (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **seba' snin u nofs (7 ½)**, **flimkien ma' multa ta' għoxrin elf Ewro (€20,000)** u dan oltre spejjeż peritali u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

nkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobli apprtenti lill-istess rikorrent akkużat **Pierre Cremona**.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 16 ta' Mejju, 2016, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Pierre Cremona ħati talli:

1. Assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina perikoluza (herojina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-

licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

4. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Rat il-ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkużat jirreġistra ammissjoni bikrija fil-proċeduri u b'hekk jiġi evitat ħafna xogħol inutli u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem neċessarjament u bħala dritt jintitola lill-ħati għal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case*

*where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..″*

Għaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22 (1)(a)(a)(ii)(f) (1A)(1B) (2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A u 26 ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta′ Malta, u r-Regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta′ 1939 għall-kontrol Intern fuq id-Drogi Perikolużi u l-artikoli 17, 23 23A, 23B, 23C, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil ħati Pierre Cremona għall-piena ta′ priġunerija effettiva għal perjodu ta′ seba′ snin u nofs (7½), flimkien ma′ multa ta′ għoxrin elf Ewro (€20,000). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta′ tlett telef, mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3221.49), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f′dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta ta′ kull flejjes jew proprjeta′ mobbli u immobbli oħra tal-ħati.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b′nota - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga eżebita hija meħtiega in konnessjoni ma′ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x′jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta′ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta′ tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

| | |
|---|---|
| Antonio Mizzi | Brian Avellino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |